MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Rikors Numru. 19/2004/1

***Pig Breeding Co. Ltd***

***Versus***

**Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni**

F’din il-kawża s-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob rimedju għax qiegħda tgħid illi bl-art. 35(1) ta’ l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa nkisru l-jeddijiet fondamentali tagħha mħarsa taħt l-artt. 6(1) u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ġ“ il-Konvenzjoni” ħ u l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta ġ“il-Kostituzzjoni”ħ.

Ir-rikors igħid illi b’ittra tat-23 t’Ottubru 1998 l-awdituri tas-soċjetà rikorrenti kienu f’isimha għamlu oġġezzjoni mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni għall-kontijiet tas-snin ta’ stima bejn l-1994 u l-1997 (snin bażi bejn l-1993 u l-1996). L-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni ċaħad l-oġġezzjonijiet u r-rikorrenti għamlet appell quddiem il-Bord ta’ Kummissarji Speċjali. Il-Bord ta’ Kummissarji Speċjali,

b'deċiżjoni msejsa fuq l-art. 35(1) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa ġKap. 372ħ, li jgħid illi "… … … ebda appell … … … ma jista' jsir validament minn xi stima jekk qabel ma jitħallasx l-ammont tat-taxxa li dwarha ma jkunx hemm kwistjoni", sab illi l-appell tas-soċjetà rikorrenti ma kienx jiswa għax, qabel ma ressqet l-appell tagħha, ir-rikorrenti naqset milli tħallas it-taxxa li ma kinitx kontestata.

Ir-rikorrenti tgħid illi ma kellhiex il-mezzi finanzjarji biex, qabel ma tappella, tħallas it-taxxa li dwarha ma kienx hemm kontestazzjoni; tant hu hekk illi daħlet fi ftehim mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex tħallas dik it-taxxa bi ħlasijiet kull xahar. Ir-rikorrenti ħarset dak il-ftehim, iżda, billi ma setgħetx tħallas it-taxxa li ma kinitx kontestata, tqiegħdet f'pożizzjoni fejn ma setgħetx tħares il-jedd tagħha illi tappella mid-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Wara d-deċiżjoni tal-Bord ta' Kummissarji Speċjali, ir-rikorrenti appellat quddiem il-Qorti ta' l-Appell (appell numru 3/2003), u l-appell inqata' fit-28 t'April 2004. Il-qorti qalet illi d-dispożizzjoni ta' l-art. 35(1) tal-Kap. 372 kienet waħda ċara u ma tħalli lok għal ebda interpretazzjoni; għalhekk ikkonfermat id-deċiżjoni mogħtija mill-Bord ta' Kummissarji Speċjali.

Is-soċjetà rikorrenti hija tal-fehma illi l-art. 35(1) tal-Kap. 372 jikser il-jedd fondamentali tagħha għal smigħ xieraq imħares taħt l-artt. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni, u wkoll il-jedd fondamentali għal rimedju effettiv imħares taħt l-art. 13 tal-Konvenzjoni.

Kompliet tgħid illi, bħala prinċipju ġenerali, id-dritt ta' appell ma huwiex garantit taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni, iżda, fejn dak id-dritt jingħata taħt liġi domestika, għandu jħares dak li jrid l-art. 6. Il-provvediment fuq imsemmi tal-Kap. 372, filwaqt li jagħti aċċess lil min irid jikkontesta d-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, fl-istess ħin jirrestrinġi l-aċċess għal dawk li ma jistgħux iħallsu, għalkemm taħt il-liġi għandhom kull jedd li jikkontestaw, u jħallih biss favur dawk li jistgħu jħallsu. Dan jagħmlu aktar u aktar fil-każ tallum meta r-rikorrenti daħlet fi ftehim mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex it-taxxa li ma hijiex kontestata tħallasha bi ħlasijiet kull xahar, u ħarset dan il-ftehim.

Għalhekk ir-rikorrenti qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-art. 35(1) tal-Kap. 372 jikser il-jedd fondamentali għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni u l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni safejn lil min, bħar-rikorrenti, ma għandux biex iħallas ma jħallihx jappella quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali "jekk qabel ma jħallasx l-ammont tat-taxxa li dwarha ma jkunx hemm kwistjoni";
2. tgħid illi l-art. 35(1) tal-Kap. 372 jikser il-jedd fondamentali ġimħares taħt l-art. 13 tal-Konvenzjoniħ safejn ma jagħtix rimedju effettiv lil min, bħar-rikorrenti, ma għandux biex iħallas it-taxxa li ma hijiex kontestata u għalhekk dan ma jkunx jista' jappella mid-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni;
3. tordna illi l-appell imressaq mir-rikorrenti quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali jiġi meqjus, jew inkella tagħti lir-rikorrenti s-setgħa illi toġġezzjona u tressaq il-kontestazzjoni tagħha quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali, skond il-każ; u
4. tagħti kull provvediment ieħor sabiex lir-rikorrenti jingħata smigħ xieraq u l-opportunità illi quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali tikkontesta d-deċiżjoni meħuda mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

L-intimati ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. proċeduri dwar stima ta' taxxa ma jaqgħux taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni u l-art. 39 tal-Kostituzzjoni għax ma humiex dwar id-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili;
2. it-talba taħt l-art. 13 tal-Konvenzjoni ma tistax tintlaqa' għar-raġuni mogħtija fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ġ"il-Qorti Ewropea"ħ f'deċiżjoni mogħtija fis-16 ta' Mejju 2000 fil-każ fl-ismijiet **Marios Georgiou *et versus* ir-Renju Unit**; u
3. l-art. 35(1) tal-Kap. 372 jsemmi taxxa li dwarha ma hemmx kontestazzjoni; għalhekk hemm kontradizzjoni bejn dak li tgħid is-soċjetà rikorrenti meta tistqarr illi qalgħet xi flus li fuqhom għandha tiħallas it-taxxa, u, fil-waqt illi tistqarr illi għandha tħallas it-taxxa fuq il-flus li qalgħet, tgħid illi ma għandhiex flus mnejn tħallas. Jekk tassew ir-rikorrenti ma għandhiex flus biex tħallas, dan ġara għax ħadmet bi jew issograt flus l-erarju; dan

għamlitu "a riskju tagħha" u l-gvern ma għandu ebda obbligu illi jakkommoda lil min iġib ruħu hekk.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

L-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni ħareġ stimi ta' taxxa fuq id-dħul tas-soċjetà rikorrenti. Ir-rikorrenti qablet ma' xi wħud mill-istimi iżda mhux ma' oħrajn. Għalkemm qablet illi kellha tħallas, ma kellhiex mnejn tħallas u għalhekk waslet fi ftehim mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex it-taxxa li hemm qbil dwarha tħallasha bin-nifs. Dwar il-bqija tat-taxxa, li kienet kontestata, dakinhar stess tal-ftehim ressqet appell quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali qabel ma kienet ħallset it-taxxa li dwarha kien hemm qbil.

Il-Bord ta' Kummissarji Speċjali, wara li ra l-art. 35(1) tal-Kap. 372, li jgħid hekk:

**35.** (1) Kull persuna illi, aggravata bi stima magħmula dwarha, ma tkunx ftehmet mal-Kummissarju… … … tista' tagħmel, fi żmien tletin ġurnata wara d-data tan-notifika lilha ta' avviż tar-rifjut tal-Kummissarju li jemenda l-istima kif mixtieq, appell kontra dik l-istima lill-Bord ta' Kummissarji Speċjali:

Iżda ebda appell bħal dak ma jista' jsir validament minn xi stima jekk qabel ma jitħallasx l-ammont tat-taxxa li dwarha ma jkunx hemm kwistjoni.

b'sentenza tal-11 ta' Diċembru 2002 qatagħha illi kellu "jiddikjara l-appell bħala null".

Is-soċjetà rikorrenti appellat minn din is-sentenza quddiem il-Qorti ta' l-Appell u din, b'sentenza tat-28 t'April 2004, ċaħdet l-appell u ikkonfermat is-sentenza tal-Bord ta' Kummissarji Speċjali.

Ir-rikorrenti issa qiegħda tgħid illi, billi hi ma kellhiex flus biżżejjed biex, qabel ma tagħmel appell quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali fiż-żmien li tagħti l-liġi, tħallas it-taxxa li dwarha ma kienx hemm kontestazzjoni, kienet effettivament imċaħħda mill-jedd ta' smigħ quddiem il-bord u, wara, quddiem il-Qorti ta' l-Appell, bi ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħha mħarsa taħt l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni

**39.** (2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik

huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.
u l-artt. 6(1) u 13 tal-Konvenzjoni:

ARTIKOLU 6

(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu … … …, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. … … …

ARTIKOLU 13

Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali.

L-intimati qegħdin igħidu illi fi proċeduri dwar taxxa ma jingħatawx deċiżjonijiet dwar drittijiet jew obbligi ċivili, u għalhekk ma jintlaqtux bl-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni jew bl-art. 6(1) tal-Konvenzjoni. Għalhekk, ladarba ma ntlaqtux drittijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, lanqas l-art. 13 tal-Konvenzjoni ma jgħodd għall-każ.

Huwa minnu illi, kif qalu l-intimati, il-Qorti Ewropea f'sentenza mogħtija fit-12 ta' Lulju 2001 fil-każ ta' **Ferrazzini *versus* l-Italja**[1] reġgħet affermat il-pożizzjoni li kienet ħadet f'sentenzi mogħtija qabel fis-sens illi proċeduri dwar taxxa ma jidħlux fl-ambitu ta' l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni:

1. In the tax field, developments which might have occurred in democratic societies do not, however, affect the fundamental nature of the obligation on individuals or companies to pay tax. In comparison with the position when the Convention was adopted, those developments have not entailed a further intervention by the State into the "civil" sphere of the individual's life. The Court considers that tax matters still form part of the hard core of public-authority prerogatives, with the public nature of the relationship between the taxpayer and the community remaining predominant.

Il-Qorti Ewropea kompliet iżżomm din il-pożizzjoni wkoll f'deċiżjonijiet aktar reċenti, bħal dik tat-23 ta' Lulju 2002 fl-

[1] Rikors nru 44759/98.

ismijiet **Västberga Taxi Aktiebolag u Nino Vulic *versus* l-Isvezja**[2]**:**

75. The Court has consistently held that, generally, tax disputes fall outside the scope of "civil rights and obligations" under Article 6 of the Convention, despite the pecuniary effects which they necessarily produce for the taxpayer (see, as the most recent authority, the *Ferrazzini v. Italy* judgment cited above, § 29). The facts of the present case do not give reason to review that conclusion.

Madankollu, kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali f'sentenza mogħtija fit-30 ta' Novembru 2001 fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Frando *versus* Avukat Ġenerali *et***[3], għandha ssir distinzjoni bejn "mertu li essenzjalment kien jirrigwarda … … … l-impożizzjoni tat-taxxa u l-eżiġibilità tagħha" u "l-verifika ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja mill-organi statutorjament fdati b'din il-kompetenza dwar jekk it-taxxa li l-kontribwent kien ġie ordnat iħallas kinitx waħda ġusta jew le skond il-liġi". Il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' **Frendo** hekk kienet fissret id-distinzjoni u l-konsegwenzi tagħha:

2. Il-garanziji kostituzzjonali għal smigħ xieraq ma kinux allura japplikaw fir-rigward ta' l-aġir ta' l-istat biex jimponi u jesiġi t-taxxi. Mill-banda l-oħra fl-eżerċizzju tad-dritt sovran li jimponi t-taxxi u jeżiġi l-ħlas tagħhom l-istat kellu josserva l-ħarsien ta' jeddijiet oħra, fosthom ukoll uħud protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, inkluż dak li jkun hemm bażi legali għalihom, li ma jkunx hemm diskriminazzjoni u li jkunu utilizzati għall-iskop li għalih l-istat ikun ingħata l-poter li jeżiġihom. Minn dan toħroġ neċessarjament il-konklużjoni illi ma jfissirx illi in materja ta' tassazzjoni, il-ġurisdizzjoni tal-qorti li tissindika l-operat ta' l-istat hi kompletament eżawtorata. Dan għaliex hemm materji oħra li jirrigwardaw anke l-jeddijiet fondamentali apparti l-jedd ta' smigħ xieraq illi kien jinkombi fuq l-istat li josserva l-ħarsien tagħhom u li kellhom allura jkunu ġustament soġġetti għall-verifika minn din il-qorti.

3. Dan iwassal għall-konsiderazzjoni li, filwaqt illi l-qrati ma kellhomx dritt li jissindikaw, bħala regola, l-impożizzjoni ta' taxxi u l-mod kif dawn jiġu eżatti miċ-

---

[2] Rikors nru 36985/97.

[3] Rikors Kostituzzjonali nru 592/1997.

ċittadin, sakemm dawn ikunu regolati b'liġi, dan ma jfissirx li ċittadin ma kellux l-jedd illi jkollu l-mezz ta' verifika biex jassigura illi dik il-liġi tkun ġiet, fil-konfront tiegħu, sewwa applikata. Dan l-istess liġi tal-*V.A.T.* taħt eżami tikkonsidrah. Tant hu hekk illi tipprovdi fiha nfisha l-mekkaniżmu kif jiġi assigurat illi l-Kummissarju tal-*V.A.T.* ikun jamministra l-liġi fil-konfront taċ-ċittadin korrettement. Dan propju biex jiġi assikurat illi ċ-ċittadin iħallas dak li kien minnu dovut u xejn aktar. L-Att allura jipprovdi kemm għad-dritt ta' appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli, kif ukoll, f'ċerti każijiet, għad-dritt ta' appell quddiem l-onorabbli Qorti ta' l-Appell. Kien għalhekk li fl-art. 34 ta' l-Att taħt eżami twaqqaf Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud biex jisma' u jaqta' appelli u riferenzi li jistgħu jsirulu fir-rigward ta' l-istimi u ħwejjeġ oħra li għalihom ingħata d-dritt ta' appell. Inoltre fl-art. 36 hemm provdut ukoll li kull persuna li wara li tkun għamlet appell quddiem il-Bord tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni ta' dak il-Bord, tista' tagħmel appell minn dik id-deċiżjoni għal quddiem il-Qorti ta' l-Appell fuq kull punt ta' liġi biss. L-istess jedd ingħata lill-Kummissarju.

4. Issa m'għandu jkun hemm l-ebda dubju illi dawn id-disposizzjonijiet joħolqu favur kemm il-kontribwent kif ukoll il-Kummissarju tat-Taxxi tal-Valur Miżjud il-jedd ta' aċċess għal tribunal kważi-ġudizzjarju u ġudizzjarju biex jiġi stabbilit jekk il-liġi, li kienet tagħti d-dritt lill-Kummissarju li jimponi u jesiġi t-taxxa, kinitx sewwa minnu mħarsa. Dan id-dritt ta' aċċess għall-organi li jamministraw il-ġustizzja huwa dritt privat taċ-ċittadin daqs kemm hu dritt tal-Kummissarju u ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li fir-rigward tal-kondotta ta' dawn il-proċessi kienu u kellhom ikunu applikabbli l-garanziji kollha għal smigħ xieraq skond kif stabbilit fl-art. 39 tal-Kostituzzjoni u fl-art. 6 (1) tal-Konvenzjoni.

5. L-Istat allura seta' ma kellux l-obbligu li bilfors jipprovdi dawn il-mezzi ta' kontroll fuq l-operat ta' l-amministrazzjoni tal-liġi tat-taxxa bil-ħolqien ta' dawn l-istrutturi u bl-għoti ta' dan il-jedd ta' aċċess għal tribunali bil-ġurisdizzjoni li jindagaw u jiġġudikaw il-materji mħollija fil-kompetenza tagħhom, però, *una volta* għażel li hekk jagħmel, kellu neċessarjament jassoġġetta ruħu għal-liġi u, tramite l-applikazzjoni tar-regoli u prinċipji ta' smiegħ

xieraq, jassigura l-amministrazzjoni tal-ġustizzja anke f'materja ta' tassazzjoni.

Il-Qorti Kostituzzjonali kompliet affermat dan il-ħsieb f'sentenza akter reċenti mogħtija fit-28 ta' Jannar 2005 fil-kawża fl-ismijiet **Vincent Cilia *versus* Prim'Ministru *et***[4]:

Din il-qorti eżaminat bir-reqqa s-sentenza fil-każ ta' ***Ferrazzini v. Italy*** (inklużi ż-żewġ opinjonijiet separati minn dik tal-maġġoranza tal-*Grand Chamber* – waħda "*concurring*" u l-oħra "*dissenting*") u hi tal-fehma li ma għandhiex tiddisturba l-konklużjoni raġġunta kemm fis-sentenza appellata kif ukoll fis-sentenza fil-każ ta' ***Frendo***. Apparti li l-każ ta' ***Ferrazzini*** kien każ dwar dewmien tal-proċeduri (quddiem id-*District Tax Commission* ta' Oristano), u apparti li mis-sentenza ma jirriżultax x'kien eżatt ir-rwol "ġudizzjarju" jew "kważi-ġudizzjarju" ta' din it-*Tax Commission*, din il-qorti taqbel li r-regola hi li "*… … … tax disputes fall outside the scope of civil rights and obligations.*" Fil-fehma tal-qorti, però, dan ifisser biss li l-qrati m'għandhomx id-dritt li jissindakaw l-imposizzjoni ta' taxxi u l-mod kif dawn jiġu eżatti miċ-ċittadin, sakemm tali imposizzjoni u eżazzjoni jkunu regolati b'liġi. Jekk, però, l-istat stess, permezz tal-liġi, jagħti d-dritt liċ-ċittadin li jirrikorri biex jikkontesta tali imposizzjoni jew eżazzjoni quddiem "tribunal indipendenti u imparzjali", id-dritt ta' aċċess għal tali tribunal (fil-każ in diżamina, tribunal kważi-ġudizzjarju bħalma hu l-Bord ta' Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u qorti bħalma hi l-Qorti ta' l-Appell) fih innifsu huwa dritt privat, b'mod li l-garanziji kemm ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni kif ukoll dawk ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ikunu applikabbli għal dak it-"tribunal indipendenti u imparzjali". Isegwi wkoll li jekk xi disposizzjoni ta' liġi ċċaħħad b'mod irraġjonevoli liċ-ċittadin minn dak id-dritt ta' aċċess mogħti lilu bil-liġi stess, dik id-disposizzjoni tkun tikkozza kemm ma' l-artikolu 6(1) kif ukoll ma' l-artikolu 39(2) imsemmija.

Dak li ngħad fuq proċeduri dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud igħodd ukoll għal proċeduri dwar it-Taxxa fuq id-Dħul.

Ladarba fil-każ tallum ir-rikorrenti ma hijiex qiegħda tikkontesta s-setgħa ta' l-istat illi jimponi t-taxxi iżda

[4] Rikors Kostituzzjonali nru 656/1998.

qiegħda tfittex biss illi, fi proċeduri ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji dwar il-legalità tal-likwidazzjoni tat-taxxa, ikollha aċċess għal qorti u smigħ xieraq, id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni u ta' l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni jgħoddu għall-każ.

L-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati hija għalhekk miċħuda.

Ngħaddu għalhekk biex inqisu l-meritu tat-talbiet tar-rikorrenti, li essenzjalment huwa dwar jekk id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 35(1) tal-Kap. 372 iċaħħduhiex minn aċċess għal qorti fejn tingħata smigħ xieraq biex tikkontesta l-legalità tal-likwidazjoni tat-taxxa.

Tassew illi l-liġi toħloq ostakolu għal min irid jagħmel appell minn stima maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni għax, qabel ma jappella, u fiż-żmien mogħti għall-appell, irid ikun ħallas it-taxxa kollha li dwarha ma jkunx hemm kwistjoni.  Madankollu, il-fatt illi hemm dan l-ostakolu ma huwiex waħdu biżżejjed biex tgħid illi r-rikorrenti hija mċaħħda minn aċċess għal qorti, għax trid tara wkoll jekk dak li trid il-liġi hijiex xi ħaġa raġjonevoli jew le.  Fil-fatt, kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' **Cilia** fis-silta miġjuba fuq, "jekk xi disposizzjoni ta' liġi ċċaħħad b'mod irraġjonevoli liċ-ċittadin minn dak id-dritt ta' aċċess mogħti lilu bil-liġi stess, dik id-disposizzjoni tkun tikkozza kemm ma' l-artikolu 6(1) kif ukoll ma' l-artikolu 39(2) imsemmija".

Id-dispożizzjoni dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li kienet il-meritu tal-każijiet ta' **Frendo** u ta' **Cilia** kienet aktar iebsa minn dik dwar it-Taxxa fuq id-Dħul, li hija l-meritu tal-kawża tallum, għax il-liġi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kienet trid illi, biex isir appell, min jappella jħallas mhux biss it-taxxa li dwarha ma kienx hemm kontestazzjoni — bħal fil-każ tallum —iżda wkoll ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tat-taxxa kontestata.  Din kienet ħtieġa li manifestament ma kinitx raġjonevoli għax il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud seta' ħareġ stima esaġġerata u, għax tkun esaġġerata, 25% tat-taxxa kontestata tkun ċifra illi min irid jappella ma jkunx jiflaħ iħallasha. Għalhekk, effettivament, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud seta', aktar ma jkun esaġġerat, aktar jagħti lilu nnifsu immunità minn stħarriġ ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju għalkemm il-liġi tagħti jedd għal dak l-istħarriġ. Kien għalhekk illi l-Qorti Kostituzzjonali sabet illi dik id-

dispożizzjoni kienet bi ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.

Iżda, kif qalet l-istess Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' **Cilia**:

Kjarament ma kien hemm xejn x'josta kondizzjoni illi kontribwent ma jkollux dritt ta' appell qabel ma jħallas dik it-taxxa li ma tkunx in kontestazzjoni.

Fil-każ tallum kull ma kellha tħallas ir-rikorrenti biex tkun tista' tappella kienet it-taxxa illi hi stess taqbel illi kellha tħallas u illi, għalhekk, il-prinċipji tat-tmexxija korporattiva tajba kienu jridu illi r-rikorrenti tkun għamlet riżerva f'waqtha għaliha fil-kontijiet u fl-istimi finanzjarji tagħha.

Billi għalhekk, fil-fehma tal-qorti, id-dispożizzjoni ta' l-art. 35(1) tal-Kap. 372 ma ċċaħħadx b'mod li ma huwiex raġjonevoli lir-rikorrenti milli tinqeda bil-jedd ta' appell, dik id-dispożizzjoni ma hijiex bi ksur ta' l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni jew ta' l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni.

Ir-rikorrenti qiegħda tistrieħ ukoll fuq l-art. 13 tal-Konvenzjoni. Dak l-artikolu jagħti jedd għal rimedju effettiv lil "min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni". Billi fil-każ tallum ma kien hemm ksur ta' ebda dritt jew libertà mħarsa taħt il-Konvenzjoni, ma hu meħtieġ ebda rimedju. Għalhekk dan l-artikolu ma jgħoddx għall-każ.

Ir-rikorrenti fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha tgħid ukoll illi l-ftehim bejnha u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex it-taxxa tħallasha bin-nifs kien jiswa daqslikieku t-taxxa tħallset biex ikun jista' jsir l-appell, u illi l-kummissarju ma qagħadx għall-ftehim u anzi qarraq bir-rikorrenti meta l-ewwel taha x'tifhem li l-ftehim kien jiswa bħala ħlas għall-għanijiet ta' l-art. 35(1) tal-Kap. 372 u mbagħad strieħ fuq dik id-dispożizzjoni biex waqqa' l-appell.

Dan huwa argument li forsi ma kienx ikun għal kollox irrelevanti għall-konsiderazzjonijiet quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali u quddiem il-Qorti ta' l-Appell; iżda dawn il-proċeduri tallum ma humiex appell mid-deċiżjonijiet ta' dawk it-tribunali u għalhekk l-argument tar-rikorrenti ma huwiex wieħed illi din il-qorti tista' tqisu fil-proċeduri tallum.

Għal dawn ir-raġunijiet, billi ma ssib li kien hemm ebda ksur tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti mħarsa taħt l-artt. 6(1) u 13 tal-Konvenzjoni u l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni, il-qorti tiċħad it-talbiet magħmula mis-

soċjetà rikorrenti u tikkundannaha tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------